Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Novembru 2017

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:



**Biex l-Insara fl-Asja, waqt li jagħtu xhieda tal-Vanġelu bil-kliem u fl-għemil, iġibu 'l quddiem id-djalogu, il-paċi u l-ftehim ma' kulħadd, speċjalment dawk ta' reliġjonijiet differenti.**

**Ninġabar:**

Infittex mappa tal-Indoneżja. Imbagħad insib post fil-kwiet. Nieqaf ftit naħseb fuq in-nies li jgħixu hemm, il-maġġoranza Musulmani, imma hemm ukoll Insara u nies ta' reliġjonijiet oħra. Nimmaġina li Alla qed iħares lejn dawn in-nies kollha bl-imħabba u fl-istess ħin b'dispjaċir meta jara l-firdiet li jseħħu f'isem ir-reliġjon.

**Fatt ċkejken:**

Anto kien qed iħares lejn bintu, Martana. Kemm kienet tidher sabiħa u ferħana Martana tiegħu! Mur għidilha li dan it-tieġ għal naqra ma tħassarx. Anqas ried jemmen li kellu jkun Hanif, wieħed Musulman, li għinu meta tilef ħafna flus fi proġett tan-negozju li kien falla. Dawk il-flus kien se jużahom bex iħallas it-tieġ ta' Martana u ma kienx jaf fejn se jagħti rasu meta tilifhom. Ara x'diżunur kien ikun għall-familja tiegħu; u Martana kif kienet taqsam qalbha! Hanif kien induna x'ġara u sellef lil Anto somma flus bla ma żammlu interessi.

Anto kien Nisrani u ma tantx kien jafdahom lill-Musulmani. Kien jipprova jżomm 'il bogħod minnhom speċjalment dan l-aħħar meta beda jisma' dwar il-ġlied bejn l-Insara u l-Musulmani. Xi darba l-Indoneżja kienet magħrufa għat-tolleranza, imma issa dak iż-żmien għadda u kien hemm atmosfera ta' suspetti u ta' mibegħda li toħonqok. Ma tantx kien jaf dwar Hanif, ħlief li kien parti minn grupp ta' Musulmani u Nsara li kienu jaħdmu flimkien biex jgħinu tfal żvantaġġjati biex ikollhom edukazzjoni xierqa. Ħaseb li jkun aħjar jmur jara x'inhuma jagħmlu u jagħtihom daqqa t'id. Wara kollox mhux hekk jgħid il-Vanġelu, li rridu ngħinu lil min hu fil-bżonn u li għandna nħobbu lil kulħadd?

**Naħseb ftit:**

X'effett kellha fuq Anto l-esperjenza li ġie megħjun minn wieħed Musulman? Għaliex teżisti l-firda bejn nies ta' reliġjonijiet differenti?

**Nitlob:**

Mulej nitolbok għall-Insara kollha li jgħixu fl-Indoneżja u fil-bqija tal-Asja sabiex b'kuraġġ u b'ġenerosità jirbħu l-preġudizzji u jfittxu l-għaqda ma' nies ta' twemmin ieħor kull fejn jgħixu.

**Kliem ta' dawl:**

Jekk tħoss li l-istedina li tħobb lil dawk li tqishom għedewwa tiegħek hija tqila wisq, ieqaf u aħseb kif l-affarijiet li huma komuni bejnietna huma wisq aktar importanti mill-affarijiet li jagħmluna differenti.

Aberjhani, *Splendid Literarium: A Treasury of Stories, Aphorisms, Poems, and Essays*

**X'nista' nagħmel:**

Matul dan ix-xahar nitlob għal dawk in-nies ta' reliġjonijiet differenti fl-Asja li jaħdmu flimkien għal dinja aħjar. Jekk naf lil xi ħadd li għandu reliġjon differenti minn tiegħi, nipprova nsir nafu aħjar, nara x'għandna komuni bejnietna u, b'rispett, nipprova nibni ħbiberija.